MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 89/2002/1

**Emanuel SCERRI**

**vs**

**Richard GAUĊI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 2002, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur talab il-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 100/02 fil-konfront tal-konvenut biex dan jiġi inibit milli jidħol fil-fond 490 Kimberly, Triq Monsinjur Azzopardi, Siggiewi, jew li jiddisponi minnu u dan għar-raguni illi għalkemm skond it-testment ta' Anthony Nicholas Borg, ziju tal-istanti, tat-23 t'Awissu 2001, atti Nutar Dottor Antoine Agius il-konvenut jidher bħala l-eredi hekk

nominat, in effetti dan it-testment kien null u bla effett billi l-firma fuqu tal-imsemmi testatur kienet falza;

Illi l-falsita' tal-firma ġiet stabbilita minn żewg esperti kif manifest fid-dokumenti esebiti mar-rikors għall-ħrug tal-mandat de quo u dak l-ieħor antecedenti għalih Numru 3420/01;

Illi bid-diġriet tagħha tal-24 ta' Jannar 2002 il-Qorti ma laqgħatx it-talba attriċi u dan wara li affermat "illi r-rikorrenti ma rnexxielux jipprova "prima facie" illi huwa għandu l-jeddijiet li qed jipprova jikkawtela;

Illi kontrarjament għak dak ritenut mill-Qorti bil-preċitat diġriet, hekk nieqes minn motivazzjoni, l-istanti ddimostra li għandu jeddijiet x'jiġu mħarsa in kwantu, fil-każ ta' success fl-impunjattiva tat-testment surreferit, huwa wieħed mill-eredi ta' zijuh b'testment ieħor preċedenti, ukoll esebit mal-atti tal-mandat;

Illi l-attur wera li jekk it-talba tiegħu għall-ħrug tal-mandat imsemmi ma tiġix akkolt biex jiġu mħarsa l-jeddijiet tiegħu huwa kien jiġl serjament preġudikat;

Illi fuq bazi purament prima facie l-Qorti kellha tkun altru minn soddisfatta illi l-istanti kellu jeddijiet x'jiġu kawtelati;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tirrevoka 'contrario imperio' d-diġriet profferit mill-Qorti fl-24 ta' Jannar 2002; u

2. Konsegwentement tilqa' t-talba attriċi għall-ħrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 100/02 biex hekk jitħarsu l-jeddijiet tal-istanti;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 100/02 fil-konfront tal-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-4 ta' Marzu, 2002, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi l-azzjoni proposta mill-atturi hija nulla u improponibbli in kwantu qed tintuża biex jintalab rimedju li mhuwiex provdut mil-liġi proċedurali nostrana u li anzi hija inkonċiljabbli mal-prinċipji proċedurali u mad-disposizzjonijiet relattvi in materja;

2. Illi fil-mertu għandu jingħad illi din l-Onorabbli Qorti kienet pjenament ġustifikata meta ċaħdet il-mandat in kwistjoni, billi għall-ilqugħ tiegħu kien ikun neċessarju li l-attur jipprova l-każ tiegħu fuq bazi *prima facie*; fuq tali bazi ma hemm l-ebda dubju li testment pubbliku għandu jitqies bħala prova *prima facie* tal-kontenut tiegħu, mhux il-kuntrarju, u li l- provi mressqa mill-attur kienu prurament soggettivi u indizzjarji;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2002, li bih tat lill-imħarrek il-fakulta' li jressaq Nota ta' Osservazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Rat illi l-imħarrek naqas li jressaq in-Nota fiż-żmien lilu mogħti;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-9 ta' Mejju, 2002, li matulu nqala' inċident dwar il-patroċinju tal-imħarrek, dwar liema inċident il-Qorti qegħda tipprovdi b'Degriet kamerali separat;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2002, li bih il-Qorti tat lill-imħarrek l-aħħar opportunita' li jressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fis-16 ta' Mejju, 2002, li biha irrinunzja għall-benefiċċju tal-Għajnuna Legali[1] li kien mogħti lilu biex jikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-16 ta' Mejju, 2002[2];

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta' Mejju, 2002[3], li biha l-attur wieġeb għas-sottomissjonijiet tal-imħarrek dwar l-eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degrieti tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2002, u tat-28 t'Ottubru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni l-attur qiegħed jitlob it-tħassir ta' Degriet li bih il-Qorti ċaħditlu talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek. Hu qiegħed jitlob li, għall-kuntrarju ta' dak li qalet il-Qorti meta ċaħditlu t-talba, kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tali Mandat jinħareġ. Hu qiegħed jitlob it-tħassir *contrario imperio* tad-degriet taċ-ċaħda u li, minfloku, jingħata digriet li jilqa' t-talba;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qiegħed jgħid li l-azzjoni ma tiswiex u ma tistax tittieħed għaliex qegħda titlob rimedju li mhux provdut mil-liġi. Qiegħed jgħid ukoll,

[1] Pa[. 122 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 120-1 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 126-7 tal-pro`ess

fil-mertu, li l-Qorti għamlet sewwa li ċaħdet it-talba tal-attur biex jinħareġ il-Mandat;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Illi, fil-qosor u safejn huwa rilevanti għall-finijiet ta' din is-sentenza, il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fil-21 ta' Jannar, 2002[4], l-attur ressaq rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek biex iwaqqfu milli jeħles minn post li jinsab fis-Siġġiewi u li kien jappartieni lil ċertu Anthony Nicholas Borġ. Dak inhar ukoll, l-attur (flimkien ma' oħrajn) ressaq Att taċ-Ċitazzjoni kontra l-imħarrek biex jitlob it-tħassir ta' testment li l-istess Anthony Nicholas Borġ jidher li għamel fit-23 t'Awissu, 2001, li fih ħalla lill-imħarrek werriet universali waħdieni tiegħu[5]. Għal dak ir-rikors, l-imħarrek intimat ressaq Risposta fit-23 ta' Jannar, 2002[6]. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'Degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2002, ċaħdet it-talba tal-attur rikorrent bl-ispejjeż. Fit-28 ta' Jannar, 2002, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ, jingħad li l-imħarrek isostni l-eċċezzjoni preliminari tiegħu billi jisħaq fuq dak li huwa jsejjaħ bħala l-"poteri residwali" ta' din il-Qorti fid-dawl ta' jekk il-proċedura għal talba ta' ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni hijiex proċedura sħiħa fiha nfisha. Huwa jgħid li, fejn jidħol dritt ta' appell, il-Kodiċi Proċedurali tagħna jistabilixxi l-proċedura li tista' tittieħed u kif. Fi kliem ieħor, jekk il-liġi ma ssemmix rimedju lil xiħadd li ma togħġbux xi deċiżjoni ta' qorti jew tribunal, allura dak ir-rimedju ma jeżistix;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li għall-kuntrarju ta' dak li jgħid l-imħarrek, minn dejjem kien hemm rimedju għal min ma jridx joqgħod għal degriet tal-Qorti dwar ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jew iċ-ċaħda ta' talba għal ħruġ bħal dak. Iżid ifisser biss li fl-1995, bil-bidliet li saru fil-liġi proċedurali ta' dak inhar, il-leġislatur fassal proċeduri

[4] Dok "A", f'pa[[. 5-7 tal-pro`ess
[5] ~itazz. Nru. 55/02JRM
[6] Dok "A", f'pa[[. 8-9 tal-pro`ess

oħrajn għal każijiet speċifiċi li ma jolqtux ċirkostanza bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum;

Illi huwa minnu li li bil-bidliet li seħħew fil-Kapitolu 12 bl-Att XXIV tal-1995, ingħata rimedju ġdid għal min jixtieq li jħassar digriet li laqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju kontra tiegħu[7]. Irid jingħad ukoll li talba bħal dik għandha ssir b'rikors kontra l-persuna li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat: dik il-proċedura tolqot kull mandat kawtelatorju li għalih jirreferi l-Kodiċi. Iżda ngħad[8] li talba bħal dik tista' tintlaqa' biss fis-sitt (6) ċirkostanzi tassattivi msemmija f'dak l-artikolu. It-tħassir ta' Mandat għal raġuni oħra minbarra dawk is-sitt każijiet ma jistax jintalab b'dik il-proċedura sommarja;

Illi, mbagħad, lanqas jista' jingħad li l-artikolu 836 jista' japplika għal dan il-każ li għandha quddiemha llum, għaliex dak l-artikolu japplika għat-tħassir ta' Mandat milqugħ. F'dan il-każ, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma ntlaqgħetx. Għall-kuntrarju, din il-proċedura qegħda ssir biex, minflok, din il-Qorti tħassar iċ-ċaħda u tordna l-ħruġ tal-Mandat;

Illi m'hemm l-ebda dubju li d-deċiżjoni ta' Qorti li tilqa' jew tiċħad talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju hija degriet u mhux sentenza. Hemm żewġ għamliet ta' proċeduri maħsuba għal min irid jattakka degriet b'appell. Dawn il-proċeduri jiddependu minn jekk id-[9]degriet huwiex wieħed kamerali[10], jew interlokutorju[11]. Il-liġi tagħmilha ċara li d-degriet interlokutorju ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu, u tista' tibdlu *contrario imperio* jekk kemm-il darba tinġieb raġuni sewwa biex twassal lill-Qorti li tkun tatu li titbiegħed minnu[12]. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-liġi tippreskrivi wkoll l-att li bih tali appell jew kontestazzjoni tista' ssir: f'tal-ewwel l-att taċ-ċitazzjoni, f'tat-tieni r-rikors. B'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li l-artikolu 161 tal-Kap 12 jistabilixxi li l-proċedura ordinarja fi proċedimenti quddiem

[7] Art. 836 tal-Kap 12
[8] Ara App. ~iv. **28.4.2000** fil-kaw\a fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Malta International Airport p.l.c. et*** (sentenza preliminari)

[10] Art. 173 tal-Kap 12
[11] Art. 229 tal-Kap 12
[12] Art. 230 tal-Kap 12

din il-Qorti hija l-Att taċ-Ċitazzjoni. Ta' min isemmi wkoll f'dan il-waqt - ladarba qegħdin inqisu eċċezzjoni ta' nullita' - dak li jipprovdi l-artikolu 164 tal-Kap 12, dwar x'jiġri meta kawża li jmissha tinġieb b'ċitazzjoni tinġieb minflok b'rikors;

Illi l-proċedura biex wieħed jattakka degriet li laqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'hijiex waħda li bdiet tintuża issa jew f'dawn l-aħħar snin: hemm sensiela ta' każijiet fejn il-Qrati tagħna qiesu talbiet bħal dawn u, partikolarment, l-għamla ta' proċedura meħtieġa. Kemm hu hekk, tqies li digriet li bih Qorti tkun laqgħet talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju m'huwiex la wieħed definittiv u lanqas wieħed interlokutorju, ukoll jekk jingħata wara li l-Qorti tkun semgħet lill-partijiet[13]. Degriet bħal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas jorbot lill-ġudikant, u lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju, imma jagħmel biss parti mill-atti tal-Mandat relattiv,u mhux parti mill-atti tal-kawża, imma jeżawrixxi ruħu bil-ħruġ tiegħu;

Illi, għalhekk, ladarba mhux degriet interlokutorju, ma jistax isir appell minnu quddiem il-Qorti tal-Appell[14]. Dan iwassal għall-konklużjoni li, fejn rimedju huwa mogħti, id-degriet li jilqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat jista' jitħassar biss mill-istess Qorti li tkun tatu, fuq talba li ssirilha b'ċitazzjoni wara li tqis jekk hemmx raġuni tajba biex tħassar digriet bħal dak[15];

Illi għalhekk, f'każijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12, it-tifsira li jidher li għandha tingħata għal min irid jattakka digriet li bih jinħareġ Mandat kawtelatorju hi li dan għandu jressaq att taċ-ċitazzjoni. Billi l-proċedura speċjali sommarja mfissra fl-imsemmi artikolu 836 tapplika biss għaċ-ċirkostanzi speċifiċi hemm imsemmija, ma jistax jingħad li din warrbet rimedju li kien jeżisti qabel għat-talba ta' tħassir ta' degriet bħal dak għal raġunijiet li ma ġewx inkorporati f'dik il-proċedura sommarja. L-analoġija tat-tneħħija tar-rimedju tar-

[13] Ara App. ~iv. **10.8.1953** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.519**)
[14] App. ~iv. **8.2.1946** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bor[ vs Chetcuti et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.340**)
[15] Ara App. Kumm. **26.6.1987** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Joseph Bonello noe vs Emanuel Ellul noe*** u l-g]add ta' de`i\jonijiet imsemmijin fiha

*restitutio in integrum* bl-istitut tar-ritrattazzjoni, kif isemmi l-imħarrek, ma jidhirx li japplika *a priori* biex ixejjen rimedju aktar ġenerali li s-sistema ġuridiku tagħna kien ilu jippermetti u għadu sallum jippermetti;

Illi, madankollu, jifdal li l-Qorti tqis punt siewi li f'din il-kawża għandu aspett partikolari. Dan huwa marbut mal-fatt li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat magħmula mill-attur kienet miċħuda. Fil-każijiet kollha li l-Qorti għamlet riferenza għalihom f'din is-sentenza, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat kienet intlaqgħet, u l-azzjoni kienet saret għat-tħassir tad-degriet li laqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Toħroġ, għalhekk, il-mistoqsija jekk f'każ bħal dan jistax jintalab ir-rimedju tat-tħassir *contrario imperio* ta' degriet li **ċaħad** talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Hawn isir rilevanti ħafna l-punt magħmul mill-imħarrek fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tiegħu, u jiġifieri, li mal-għoti tad-degriet taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent, il-proċediment sar finali u għalaq. Hija ħasra li l-imħarrek ma ssoktax jelabora dwar din is-sottomissjoni tiegħu fit-tielet paragrafu tan-Nota mressqa minnu, imma waqaf biss biex jipprospetta dubju dwar jekk azzjoni bħal di hijiex imħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi;

Illi l-Qorti sejra tqis xi konsiderazzjonijiet li hija għamlet iżjed 'il fuq biex tasal għall-fehma tagħha dwar dan il-punt. Dak li s-soltu jsir fil-prattika hu li persuna li t-talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju tiġi miċħuda, jerġa' jittanta l-istess proċedura ftit taż-żmien wara, b'tama li jkollha xorta aħjar. F'dan il-każ, l-attur għażel it-triq li jattakka d-degriet taċ-ċaħda. Il-Qorti qegħda tqis dak li ngħad fis-sentenza *Baldacchino vs Bellizzi* fuq imsemija, u tifhem li għalkemm bl-għoti tad-degriet il-proċediment tal-Mandat jintemm, dan ma jfissirx li lmenti mistħoqqa li xi waħda mill-partijiet ikollha għal dak il-provvediment ma jistgħux jiġu ventilati jew mistħarrġa iżjed mill-Qorti;

Illi biex jitqies jekk l-ilment ta' parti aggravata bi provvediment tal-Qorti f'proċeduri ta' Mandat huwiex mistħoqq, tabilfors li jrid jinbeda proċediment ġdid li jkun tali li jindirizza lment bħal dak. Din il-proċedura hija dik li ssir kawża: kawża ssir bil-proċediment ordinarju taċ-

ċitazzjoni. Dan ir-rimedju huwa miftuħ mhux biss għar-rikorrent li t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat twarrbet, imma wkoll għall-intimat li kontra tiegħu intlaqgħet it-talba għall-ħruġ ta' Manda' u li ma jistax jirrikorri għar-rimedju maħsub f'xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(1);

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li huwa mogħti rimedju lil persuna li talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat ma tkunx intlaqgħet, u li dan ir-rimedju huwa dak tal-proċedura ordinarja;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek Richard Gauċi, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiddikjara li l-attur għandu jedd ta' azzjoni u li l-proċedura mibdija minnu biex jattakka d-degriet li ċaħad it-talba tiegħu għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tiswa; u

**Tordna** li l-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**30 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**